Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Numru. 242/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darrem Buhagiar)**

**Vs**

**Donnaliza Camilleri ta’ 27 sena, bint Carmelo u Josephine nee` Attard, imwieled Pieta` nhar il-04.05.1985 u residenti fil-fond Azzurro Apartments, Flat 1, Triq il-Kurkanta, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 285685(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli:

1. Talli fl-20 ta’ Gunju 2012, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita

pubblika, xjentament ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tghat taghrif falz lill-pulizija, u cioe ghamlet rapport falz fl-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li tikseb ghaliha innifisha jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistruggiet, xerrdet l'hawn u l'hemm jew gharqet b'xi mezz li jkun, hwejjeg taghha

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' xi krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ghal haddiehor u cioe, qligh bi hsara ta' Elmo Insurance ghall-ammont ta' erbat elef u hames mitt euro (€500).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha, il-fatt li hija irritornat il-flus kollha mehuda indebitament mill-assikurazzjoni u kif ukoll ic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn l-imputata spiccat aktar vittma tal-ingenwinita taghha stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 188, 295, 308, 310(1)(a) u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perjodu ta’ tlettax (13) il-xahar prigunerija  li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------